MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 438/2001/1

**David Schembri**

**vs**

**Paul Micallef**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:

Illi fil-31 ta' Dicembru 2000, waqt li l-attur kien qed isuq karozza numru ta' registrazzjoni JAW 147 f'Attard Road, Zebbug, huwa safa' milqut minn vettura numru ta' registrazzjoni AAR 084 misjuqa mill-konvenut li kienet gejja mid-direzzjoni opposta;

Illi ghall-incident de quo kien unikament hati l-konvenut u dan minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas tal-harsien tar-regolamenti tat-traffiku;

Illi fl-incident il-karozza tal-attur garrbet hsarat kbar;

Illi l-konvenut nonostante li gie nterpellat jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni, baqa' inadempjenti;

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenut jghid ghaliex m' ghandhiex din il-Qorti: -

tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-habta li grat fil-31 ta' Dicembru 2000 f'Attard Road, Zebbug f'liema incident il-vettura tal-istanti numru ta' registrazzjoni JAE 147 sofriet hsarat konsiderevoli;

tillikwida d-danni sofferti mill-attur b'rizultat tal-istess incident li sehh kif fuq inghad;

konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma hekk likwidata in linea ta' danni;

Bl-interessi u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Jannar 2001, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfrmata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit illi t-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u dan minhabba illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament minhabba traskuragni, negligenza, imperizja u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-attur, li kien qed isuq il-vettura tieghu fuq in-naha l-hazina tat-triq b'mod illi invada l-

karreggjata fejn kien qed isuq l-eccipjenti u kkawza l-incident *de quo*, kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Illi jsegwi illi ma hemmx danni x' jigu likwidati fil-konfront tal-konvenut. Illi jsegwi ulterjorment illi l-konvenut ma ghandux jigi kkundannat illi jhallas ebda danni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza ud-dokumenti esibiti;

Semghet lill-partijiet u x-xhiedfa minnhom prodotti;

Rat li l-kawza giet diofferita ghas-sentenza;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut;

Ikkonsidrat:

Mill-provi jirrizulta li fil-31 ta' Dicembru 2000 f'Attard Road Zebbug sehh incident awtomobilistiku, li fih kienu involuti l-attur bil-vettura tieghu numru ta' registrazzjoni JAW 147 u l-konvenut li kien qed isuq il-vettura numru ta' registrazzjoni AAR 084. Jirrizulta li l-attur kien sejjer fid-direzzjoni minn H'Attard ghal Haz Zebbug mentri l-konvenut kien gej mid-direzzjoni opposta;

L-attur jippretendi li l-konvenut kien unikament responsabbli ghal dan l-incident. L-attur jallega li bhala konsegwenza ta' dan l-incident huwa sofra danni kbar fl-istess vettura tieghu. Ghalhekk l-attur qed jitlob li jigi dikjarat li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-imsemmija habta, li jigu likwidati d-danni sofferti minnu fl-imsemmija vettura tieghu bhala konsegwenza tal-incident

u li l-konvenut jigi kkundannat ihallas id-danni hekk likwidati;

Il-konvenut qed jeccepixxi li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament tort tal-attur, li kien qed isuq il-vettura tieghu fuq in-naha l-hazina tat-triq b'mod illi invada l-karreggjata fejn kien qed isuq l-eccipjenti u kkawza l-incident in kwestjoni;

Il-kontendenti jghatu zewg versjonijiet kontrastanti ta' kif sehh dan l-incident. Mill-okkorrenza jirrizulta li l-attur ftit wara li sehh l-incident stqarr li huwa kien sejjer lejn Haz-Zebbug minn H'Attard u ra karozza gejja mill-faccata. Il-karozza l-ohra l-ewwel misset il-hajt fuq in-naha taghha tat-triq u baqghet diehla fil-karozza misjuqa mill-attur. Mad-daqqa il-vettura tal-attur giet imwaddba go hajt ta' garage. Basikament l-attur ta' l-istess versjoni tal-fatti meta xehed f'dawn il-proceduri. Meta l-attur xehed huwa specifika li wara li l-vettura misjuqa mill-konvenut habtet mal-hajt, marret fuq in-naha l-hazina tat-triq u b'hekk sehhet il-habta. Ghalhekk skond l-attur il-konvenut habat mal-hajt fuq in-naha tieghu tat-triq u mbaghad ittraversa t-triq, u habat mal-vettura tal-attur;

Da parti tieghu l-konvenut kien stqarr ftit tal-hin wara li sehh l-incident li kien niezel lejn H'Attard u kif qabez liwja ra lill-attur gej bil-vettura tieghu mid-direzzjoni opposta ghan-nofs it-triq. Naqqas il-velocita' tieghu pero' baqa sejjer u waqaf mal-bankina. Huwa cahad li f'xi hin tkaxkar mal-hajt fuq ix-xellug tieghu. Skond il-konvenut l-attur kien qed isuq il-vettura tieghu fuq in-naha l-hazina tat-triq b'mod illi invada l-karreggjata fejn kien qed isuq l-esponenti u kkawza l-incident in kwestjoni;

Il-verzjoni tal-attur h verosimili u aktar kredibbli. Difatti l-konvenut fl-okkorrenza stqarr li l-attur kien qed isuq lejn in-nofs it-triq, filwaqt li meta xehed huwa qal li l-attur kien gej fuq in-naha l-hazina tat-triq. Inoltre l-konvenut jghid li wara l-habta huwa spicca mal-hajt u susegwentement jghid li huwa waqaf mal-bankina;

Skond l-iskizz il-vettura ta’ l-attur garbet hsarat fuq quddiem in-naha tal-lemin, u l-karozza tal-konvenut ghandha hsarat fuq iz-zewg nahat ta’ quddiem. Il-hsarat fuq in-naha tax-xellug li garbet il-vettura tal-konvenut mhux konsistenti mal-verzjoni tal-konvenut u jindikaw li l-konvenut seta habat mal-hajt fuq in-naha tieghu tat-triq qabel ma sehhet il-kollizzjoni;

Il-konvenut isostni li l-incident gara f’parti ta’ triq li sserrep u li hija blind spot. Huwa jsostni li kien gia beda l-liwja u kien qisu f’nofs il-liwja. Inoltre jirrizulta li fil-gurnata in kwstjoni ghamlet ix-xita u ghalhekk l-art kienet tizloq. F’dawn ic-cirkostanzi kien necessarju grad gholi ta’ prudenza fis-sewqan da parti tal-konvenut. Fil-kawza fl-ismijiet Mizzi Brian R. et nomine vs Ciappara John deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta’ Marzu 2003 gie ritenut li “huwa principju assodat fil-gurisprudenza, li sewwieq ta' vettura ghandhu jsuq b' mod diligenti tali li jkollu l-kontroll shih tal-vettura misjuqa minnu. Konformament ma' dan, huwa ghandu l-obbligu li jassigura li s-sewqan tieghu ma jpoggihx f'sitwazzjoni fejn ma jkunx jista' jirreagixxi b' mod adegwat ghal xi emergenza li tista' tinholoq. Huwa ovvju li meta t-triq tkun ghan-nizla u jkun hemm liwja, l-attenzjoni tas-sewwieq u l-grad ta' prudenza li ghandu juza, ghandha tkun akbar;”

L-ufficjal tal-pulizija li investiga l-kollizzjoni xehed li huwa ma stabbilix l-ispot of impact. Hemm indikazzjonijiet pero’ li jwasslu ghal konkluzjoni li l-habta sehhet fuq in-naha t-tajba tat-triq tal-attur;

Il-konvenut isostni li huwa skiddja. Fil-kawza fl-ismijiet Mary Grace Ebejer vs Christopher Gatt deciza fit-28 ta’ Gunju 2002 il-Qorti tal-Appell Inferjuri rriteniet – “illi l-principju regolatur in materja ta' skidding ma jistax ikun

hlief dan: li skid wahedha ma hijiex la prova ta' negligenza, u lanqas skriminanti - hemm bzonn li jigi indagat jekk kienx hemm negligenza antecedenti jew konkomitanti (e.g. speed zejjed, applikazzjoni bruska tal-brakes, tyres bil-grooves mikulin, fatturi li jghinu l-iskidding, barra ohrajn). Jekk negligenza simili tirrizulta, allura hemm ir-responsabbilta` l-istess, nonostanti l-iskid, jekk ma tirrizultax, allura l-iskid hija 'a good defence' ghax tkun 'inevitable accident'. Meta tkun ix-xita, specjalment jekk tkun ghadha kemm bdiet niezla jew jekk tkun qed traxxax, skid huwa aktar possibbli u ghalhekk is-sewqan ghandu jkun hafna aktar prudenti.” F’dan il-kaz il-konvenut ikkonferma li l-karozza tieghu skiddjat malli huwa ghafas il-brake “f’daqqa wahda” cioe’ malli ra lill-attur gej, mit-traffiku li kien gej mid-direzzjoni opposta. Hawnhekk jirrizulta li l-konvenut kellu ukoll tort meta skiddja. F’art tizloq, il-konvenut ghafas il-brejk f’daqqa. Il-konvenut aggrava l-iskidd, ghaldaqstant hemm responsabbilta’ tal-konvenut ghall-iskidd;

Skond il-verzjoni tal-konvenut mhux spjegabbli kif l-istess konvenut jghid li huwa kien qieghed isuq metru l-barra minn mal-hajt, meta t-triq hi pjuttost wiesgha u meta l-istess konvenut jghid li l-attur qabez il-linja li taqsam iz-zewg karregjati biss biz-zewg roti tal-lemin tieghu. Inoltre l-konvenut f’wahda mid-deposizzjoni tieghu ghal-ewwel darba qal li hu nduna li l-attur kien alljenat u ma kienx qed izomm “a proper look out”. Ir-raguni, li jghati l-konvenut ghala ma rrakontax dan il-fatt qabel, mhux kredibbli u mhux verosimili;

Fid-dawl tal-premess jirrizulta sufficjentement li l-konvenut ghandu jigi ritenut unikament responsabbli ghall-kollizzjoni in kwestjoni. Ma tirrizulta ebda responsabilita’ minn naha tal-attur;

Jirrizulta li d-danni li sofra l-attur fil-vettura tieghu jammontaw ghas-somma ta’ elfejn mija u hamsin liri maltin (Lm2150) u cioe il-valur tal-istess vettura tal-attur

qabel il-kollizzjoni (Lm2500) bit-tnaqqis ta’ wreck value (Lm350);

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-aeccezzjonijiet tal-konvenut u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-habta in kwestjoni li grat fil-31 ta’ Dicembru 2000 f’Attard Road, Zebbug u fejn il-vettura tal-attur sofriet hsarat konsiderevoli; tillikwida d-danni sofferti mill-attur b’rizultat tal-istess incident fis-somma ta’ elfejn mija u hamsin liri maltin (Lm2150) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-imsemmija somma ta’ Lm2150 in linea ta’ danni u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta’ din is-sentenza sal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------